# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta'Ottubru, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors Maħluf Numru 444/10/1 JRM**

***ACMA - Inox and Metal Limited***
**(C-29539)**

***v.***

**George Cauchi, John Cauchi, u b'dikriet**
**tat-2 ta' Marzu 2011 issejħet fil-kawża**
***Geomike Limited* (C-8820)**

1. Dan huwa appell tal-konvenut John Cauchi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Marzu 2017 li kkundannatu, flimkien u *in solidum* mal-konvenut l-ieħor George Cauchi, sabiex iħallas tlettax-il elf, tmien mija u wieħed u disgħin euro u disgħin ċenteżmu (€13,891.90) lis-soċjetà attriċi, bilanċ minn somma akbar, prezz ta' xogħol imwettaq b'appalt għalihom mill-attriċi, u nefqa ta' materjal użat għal dan l-appalt, flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mill-24 ta' Ġunju 2010 sa meta jsir il-ħlas.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

»… … … l-imħarrkin huma aħwa. Kellhom negozju flimkien li kien jirrigwarda t-tmexxija ta' stabbiliment li jinsab f'Wied il-Għajn. Dan l-istabbiliment kien jitħaddem bħala ristorant bl-isem ta' *Côte d'Azur*.

»L-ishma ewlenin tal-kumpannija msejħa fil-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "*Geomike*") jappartjenu lill-imħarrek George Cauchi filwaqt li l-imħarrek John Cauchi kien imqabbad minn ħuh George Cauchi f'isem *Geomike* biex jieħu ħsieb xogħol ta' titjib fl-imsemmi stabbiliment, li huwa proprjetà ta' *Geomike*.

»L-imħarrek John Cauchi jallega li huwa fil-fatt *sleeping partner* f'*Geomike* u li ħareġ somom konsiderevoli ta' flus minn żmien għal żmien sabiex din tibqa' fuq saqajha. Aktar 'il quddiem l-imħarrkin aħwa Cauchi tlewmu bejniethom u kienu daħlu l-qorti f'kawża bejniethom b'rabta mal-ishma ta' *Geomike* u x-xogħlijiet ta' tisbiħ tar-ristorant *Côte d'Azur*.

»Kien l-imħarrek John Cauchi li avviċina lil *Acma* biex ordna x-xogħol fl-azzar mingħandha għar-ristorant. L-ewwel kuntatt sar permezz ta' telefonata li weġibha Tonio Friggieri, li kien iwettaq xogħlijiet għal *Acma* bħala sub-appaltatur tagħha. Fil-bidu, malli bdiet ix-xogħol, *Acma* ngħatat depożitu ta' sebat elef euro (€7,000) akkont, datat 2 ta' Settembru 2009. Dan sar permezz ta' *bank draft* maħruġ mill-*Bank of Valletta*, mill-kont ta' *Geomike* li iżda isimha mhux imniżżel fuq il-*bank draft*. L-imħarrek John Cauchi ta lill-impjegati ta' *Acma* l-*email* u n-numru taċ-ċellulari tiegħu personali, u n-numru tal-*VAT* ta' *Geomike*. Tonio Friggieri xehed li għalkemm John Cauchi tahom in-numru tal-*VAT* li fil-fatt kien ta' *Geomike*, ma kienx qalilhom ta' min kien. Dan ġie kkonfermat minn John Cauchi nnifsu meta xehed: "Ħeq li kieku kont ġejt mistoqsi dak x'*VAT number* hu kont ngħid dak tal-*Geomike*. Imma ovvjament aħna qed noperaw taħt l-isem *Geomike* imma huma qegħdin jaħdmu fil-ħanut *Côte d'Azur*. Jiġifieri hemm *gap*, hemm *discrepancy of understanding* fejn il-bniedem li qed jaħdem, il-kuntrattur, mingħalih ħa jaħdem".

»Waqt li *Acma* kienet qiegħda twettaq il-kuntratt tax-xogħlijiet fir-ristorant, il-biċċa l-kbira tal-istruzzjonijiet kienet teħodhom mingħand l-imħarrek John Cauchi, iżda George Cauchi spiss kien ikun preżenti fuq il-post tax-xogħol huwa wkoll. Meta kienu jinħtieġu struzzjonijiet, kienu jiġu avviċinati miż-żewġt aħwa, skond min jinzerta jkun preżenti, iżda George kien jgħidilhom biex ikellmu lil John. L-imħarrek George Cauchi kien qal lil Mario Attard, direttur ieħor ta' *Acma*, kif ukoll lil Tonio Friggieri, sub-appaltatur ma' *Acma*, li kien qed jistenna jieħu rifużjoni tal-*VAT* u li hekk kif jieħdu kien sejjer iħallashom. L-imħarrek John Cauchi kien imqabbad minn ħuh George biex jieħu ħsieb ix-xogħol.

»L-imħarrek George Cauchi xehed li ħuh John kien imur jurih il-*quotations* għall-approvazzjoni tiegħu qabel kien jiffirmahom. Huwa xehed ukoll li hu qatt ma mar fuq *Acma* biex jipprotesta dwar xi xogħol żejjed li jgħid li sar jew inkella biex iwaqqafhom. Qabel jibdew kull biċċa separata tax-xogħol *Acma* kienet toħroġ *quotation* li kienet tiġi ffirmata minn xi ħadd mill-aħwa Cauchi. L-iktar li kien jiffirma minn dawn kien l-imħarrek John Cauchi.

»Tonio Friggieri xehed li saru jafu b'*Geomike* l-ewwel darba meta *Acma* temmet ix-xogħol li tqabbdet tagħmel u wara li ħarġet il-fatturi kollha. Dawn il-fatturi tressqu mar-rikors maħluf u huma datati bejn it-2

ta' Settembru 2009 u t-8 ta' Frar 2010. F'erbgħa minnhom, il-klijent huwa indikat bħala *Côte d'Azur Restaurant* filwaqt li fit-tnejn l-oħra mhemmx imniżżel l-isem tal-klijent. Erbgħa mill-fatturi huma indirizzati lill-imħarrek John Cauchi, u t-tnejn l-oħrajn liż-żewġ imħarrkin flimkien. Mario Attard ukoll ikkonferma li *Geomike* issemmiet biss wara li spiċċa x-xogħol, meta ntalab mill-imħarrek John Cauchi biex jibgħat il-kontijiet lilha u aktarx meta l-aħwa Cauchi tlewmu bejniethom. Jidher li ssemmiet il-kumpannija *Geomike Limited* f'ittra legali mibgħuta mill-avukat tal-imħarrek John Cauchi tat-23 t'April 2010. Meta x-xogħol kien għadu ma tlestiex, iżda kien fi stadju avvanzat, u *Acma* talbet ħlas akkont, ħadd ma semma illi kellha tħallas *Geomike* jew li t-talba riedet issir lilha. Tonio Friggieri jgħid li, għat-talba ta' *Acma*, l-imħarrek John Cauchi wieġeb li kellu xi flus l-Irlanda li kellu jiġbor f'Jannar 2010 u jħallasha bihom. Fil-kontro-eżami li sarlu, Tonio Friggieri sostna li x-xogħol kien qiegħed isir għall-istabbiliment *Côte d'Azur*. Ma kienx jaf jekk ix-xogħol kienx għal xi wieħed mill-imħarrkin jew it-tnejn flimkien, u jekk hux f'ishma ndaqs jew le;

»*Acma* fetħet din il-kawża f'Mejju tal-2010.«

3. L-attriċi talbet illi l-qorti:

»1. tiddispensa mis-smigħ tal-kawża *ai termini* tal-artikoli 167 – 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

»2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' tlettax-il elf u tmien mija u wieħed u disgħin euro u disgħin ċenteżmu (€1,891.90) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar prezz ta' xogħol (inkluż materjal) li sar mis-soċjeta' attriċi fuq struzzjonijiet tal-konvenuti.

»Bl-imgħax skond il-liġi u bl-ispejjeż … … …«

4. Wara li l-qorti b'dikriet tat-22 ta' Lulju 2010 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali l-konvenut John Cauchi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. L-eċċipjent mhux il-leġittimu kontradittur u dana *stante* li kwalsijasi xogħlijiet li tagħhom il-kumpannija attriċi qed tippretendi l-ħlas permezz tal-proċeduri odjerni saru unikament fuq inkarigu u a benefiċċju tal-kumpanija *Geomike Limited* (C 8820).

»2. L-eċċipjent mhux personalment responsabbli għal ħlas tal-ammont reklamat mill-kumpannija attriċi *stante* li ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpannija attriċi fil-kapaċità tiegħu personali peress li dejjem aġixxa għan-nom u fl-interess tal-kumpanija *Geomike Limited*.

»3. In fatti għal dan il-għan, *in vista* tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-eċċipjent jitlob bir-rispett li din l-onorabbli qorti tordna l-kjamata in kawża ta' l-imsemmija kumpannija *Geomike Limited* (C 8820) li hija li *se mai* dik responsabbli għall-ħlas tal-ammont pretiż mill-kumpannija attriċi.

5. Is-soċjetà *Geomike Limited* issejħet fil-kawża b'dikriet tat-2 ta' Marzu 2011.

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2010;
>
> »tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija msejħa fil-kawża *Geomike Limited*, u ssib li mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħlisha milli tibqa' aktar fil-kawża bi spejjeż għal min talab is-sejħa fil-kawża tagħha;
>
> »tilqa' t-tieni talba attriċi fil-konfront tal-imħarrkin John u George *sive* Gino aħwa Cauchi, flimkien u solidalment bejniethom, u tikkundannahom iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u wieħed u disgħin euro u disgħin ċenteżmi (€13,891.90) rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar ta' xogħol imwettaq u nefqa ta' materjal użat f'appalt lilha mogħti mill-istess imħarrkin, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-24 ta' Ġunju 2010 sal-jum tal-ħlas effettiv; u
>
> »tordna li l-imħarrkin John u George *sive* Gino aħwa Cauchi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tal-kumpannija msejħa fil-kawża ladarba kienu huma li talbuha.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija kawża għall-ħlas ta' prezz ta' appalt imwettaq mill-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "*Acma*") fi stabbiliment (ristorant) magħruf bħala *Côte d'Azur* f'Wied-il-Għajn. *Acma* tgħid li, tneħħi depożitu mħallas darba waħda, l-ebda parti mix-xogħol u l-materjal li wżat biex wettqet l-appalt mogħti lilha ma tħallas. Trid illi l-imħarrkin iħallsuha ta' dan ix-xogħol u ta' dan il-materjal,.
>
> »Min-naħa tagħhom, kemm l-imħarrkin u kif ukoll il-kumpannija msejħa fil-kawża jgħidu li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-appalt imwettaq u ma għandhom iħallsu xejn lil *Acma*. Mhux qiegħed jiġi kkontestat il-prezz, u lanqas il-kwalità jew kwantità ta' xogħol li sar.
>
> »... … …
>
> »… … … il-kwestjoni ewlenija li din il-qorti għandha quddiemha hi li l-ebda wieħed miż-żewġ imħarrkin ma jagħraf li huwa l-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi. Biex tagħqad, meta t-tnejn li huma taw x'jifhmu li kienet *Geomike* li kienet ibbenefikat mix-xogħlijiet u li dawn ix-xogħlijiet kienu saru fi ħwejjiġha, *Geomike* (meta ssejħet fil-kawża) laqgħet ukoll li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi għaliex ma kienet awtoriżżat lil ħadd f'isimha biex jordna x-xogħlijiet li *Acma* wettqet. Kemm l-imħarrkin u kif ukoll *Geomike* baqgħu jisħqu fuq il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom ukoll fis-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq.

»Hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha, sakemm ma jintweriex li l-parti l-oħra kienet taf li fil-fatt dik il-persuna kienet qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna, u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor. Iżda din hija preżunzjoni *juris tantum* li jfisser li, bi provi tajbin imressqa li juru mod ieħor, f'ċerti ċirkostanzi dak li jidher li ftiehem għalih innifsu jkun, fil-fatt, ftiehem f'isem persuna oħra.

»Huwa prinċipju daqstant ieħor aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din, u jrid juri wkoll li f'dak il-waqt il-parti l-oħra kienet mgħarrfa li dik il-persuna kienet tassew qiegħda tinnegozja magħha f'isem ħaddieħor. F'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi.

»Il-kelma 'parti' f'kuntratt tista' tinftiehem kemm f'sens sostanzjali kif ukoll f'sens formali. Il-parti f'sens formali hija l-awtur tal-kuntratt, iġifieri dik li toħroġ id-dikjarazzjonijiet kuntrattwali kostituttivi. Il-parti fis-sens sostanzjali hija t-titulari tar-rapport kuntrattwali, iġifieri s-suġġett li huwa direttament responsabbli għall-effetti ġuridiċi tal-kuntratt. Dawn iż-żewġ tifsiriet jikkorrispondu maż-żewġ profili tal-kuntratt bħala att u bħala rapport. Bħala prinċipju, min hu parti fl-att huwa wkoll parti fir-rapport. B'danakollu jista' jkun li ż-żewġ pożizzjonijiet ma jagħqdux flimkien, bħal meta parti (formali) tidher bħala rappreżentanta ta' ħaddieħor (parti sostanzjali).

»Il-fatt li wieħed ikun qiegħed jikkuntratta għal ħaddieħor trid tinġieb għall-għarfien tal-parti l-oħra fil-waqt tal-ħolqien tal-kuntratt. Kemm hu hekk ingħad li "Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilità ghannegozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta".

»Jekk wieħed kellu jħaddem il-prinċipji legali li għadhom kemm issemmew għall-każ li l-qorti għandha quddiemha, għandu joħroġ l-imħarrek George Cauchi, f'isem il-kumpannija imsejħa fil-kawża *Geomike Limited*, qabbad lil ħuh l-imħarrek l-ieħor John Cauchi biex jagħmilha ta' *project manager* fir-*refurbishment* tar-ristorant *Côte d'Azur*. Dan, min-naħa tiegħu, qabbad lil *Acma* biex tagħmel ix-xogħol prinċipalment tal-azzar fir-ristorant. Qabel inbeda x-xogħol, l-imħarrek John Cauchi taha l-indirizz elettroniku (*e-mail address*) u numru tiegħu taċ-ċellulari personali tiegħu, kif ukoll in-numru tar-reġistrazzjoni tal-*VAT* ta' *Geomike* bla ma għarraf lil *Acma* ta' min kien dak in-numru. Inħareġ depożitu mill-*Bank of Valletta* li iżda ma kienx jindika li l-flus huma minn kont bankarju ta' xi wieħed mill-imħarrkin u lanqas tal-

imsejħa fil-kawża *Geomike*. Il-fatturi li kienu jinħarġu meta jinxtara l-materjal jew meta jsiru xogħlijiet minn *Acma* kien jiffirmahom l-imħarrek John Cauchi. Sakemm inqala' l-għawġ bejniethom, l-imħarrek George Cauchi kien japprova dak li jagħmel ħuh John Cauchi. L-imħarrek George Cauchi nnifsu kien ikun fir-ristorant huma u għaddejjin ix-xogħlijiet, kien juri l-approvazzjoni tiegħu għax-xogħol imwettaq minn *Acma* u saħansitra wegħedha li jħallasha tax-xogħol meta jieħu rifużjoni tal-*VAT*. Lanqas hu ma semma l-kumpannija.

»Għaldaqstant, minn din il-ġabra ta' ċirkostanzi fattwali joħroġ li, kemm fil-waqt tal-formazzjoni tal-kuntratt kif ukoll fl-istadju tat-twettiq tiegħu, kemm l-imħarrek John Cauchi kif ukoll ħuh l-imħarrek George Cauchi assumew personalment ir-responsabilità għall-ħlas tal-appalt. Huwa minnu li effettivament ix-xogħol kien qiegħed isir għal *Geomike* iżda dan qatt ma ngħad lil *Acma* sakemm damet imdaħħla fit-twettiq tal-appalt mogħti lilha. Kemm hu hekk, l-imħarrek George Cauchi nnifsu jistqarr lil *Acma* l-ewwel darba li semmielha lil *Geomike* (fis-sewwa jgħid li qalilha biss li kellu "kumpannija li intom ma kontux tafu biha") kien wara li ntemm l-appalt u bdew isiru laqgħat dwar kif u meta se jsir il-ħlas. Fil-każ ta' persuni oħrajn imqabbdin biex jagħtu s-servizzi professjonali tagħhom fix-xogħlijiet ta' tisbiħ u titjib li kienu qegħdin isiru fir-ristorant, l-imħarrkin kienu għarrfuhom b'*Geomike* u kienu aċċettaw fatturi maħruġin fuq isimha u mhux fuq isimhom, filwaqt li fil-każ ta' *Acma* baqgħu jaċċettaw il-ħruġ ta' fatturi fuq isimhom.

»Id-depożitu li tħallas fil-bidu wkoll ma kienx jindika mnejn ġejjin il-fondi (għalkemm xhud sab li dan kien ittieħed mill-kont bankarju ta' *Geomike*) u wisq aktar kellha għaliex *Acma* tissuspetta li kien imdaħħal xi ħadd ieħor fl-appalt mogħti lilha. Il-qorti żżid tgħid li wkoll li kieku d-depożitu kien jindika li sar minn xi kont ta' *Geomike*, dan ma kienx ifisser li kienet qed tikkuntratta hi billi kif inhu magħruf sewwa terza persuna tista' tħallas id-dejn ta' ħaddieħor.

»Jibqa' l-fatt li ħadd mill-aħwa Cauchi ma tarraf lil *Acma* li kienu qed jaġixxu għan-nom ta' ħaddieħor, anqas u anqas ta' *Geomike*. Filwaqt li l-imħarrek George Cauchi aġixxa f'isem *Geomike* meta qabbad lil ħuh John Cauchi (u din kienet xiħaġa li baqgħet magħrufa bejniethom u ma ntweriet fl-ebda waqt lil *Acma* jew min kien jidher għaliha), b'danakollu fil-konfront ta' *Acma* dan tal-aħħar kien jidher bħala mxierek ma' ħuh. Ir-relazzjoni interna ta' bejn l-aħwa m'għandhiex x'taqsam ma' din il-kawża.

»Dan iwassal lill-qorti biex issib li *Acma* mxiet sewwa meta ħarrket lill-aħwa Cauchi u tasal għall-fehma li ż-żewġt aħwa jridu jwieġbu għall-pretensjonijiet attriċi flimkien u solidalment bejniethom. Jibqa' dejjem bla ħsara kull jedd ta' rimedju li jista' jkun hemm fil-konfront ta' xulxin minħabba l-arranġamenti u l-kwestjonijiet interni ta' bejniethom.

»Ladarba ħadd mill-imħarrkin ma qajjem kwestjoni dwar is-siwi tax-xogħol magħmul minn *Acma* jew tal-bilanċ li hija tippretendi, il-qorti ssib li dak l-ammont huwa tabilħaqq wieħed mistħoqq u jirrappreżenta l-bilanċ li għandu jitħallas lilha. Min-naħa l-oħra, dak il-bilanċ jinsab dokumentat kif imiss b'sensiela ta' provi dokumentali li l-ebda wieħed mill-imħarrkin u lanqas *Geomike* ma daħħlu dubju dwarhom. Għall-kuntrarju, mix-xiehda tal-imħarrek George Cauchi ħareġ li l-ammont mitlub minn *Acma* ma kienx kontestat (għallanqas dak li jirrigwarda l-istima oriġinali), imma kien qiegħed jistenna xi rifużjoni mid-Diparti-

ment tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u li minnu kien sejjer iwettaq il-ħlas mitlub minn *Acma*. Għalkemm l-imħarrek jgħid li saru xogħlijiet aktar minn dak li kien oriġinarjament mitlub u li l-bidliet li saru kien ħalaqhom ħuh l-ieħor minn żniedu u bla ma ta kont tan-nefqa miżjuda, jibqa' l-fatt li x-xogħlijiet li *Acma* ntalbet tagħmel għamlithom u ħadd ma irrifjutahom.«

8. Il-konvenut John Cauchi appella b'rikors tal-10 t'April 2017 li għalih is-soċjetà attriċi u l-konvenut George Cauchi wieġbu fit-2 ta' Mejju 2017 u fil-5 ta' Mejju 2017 rispettivament. L-appell ġie mfisser hekk:

»Mhux minnu li l-appellant sostna jew qed isostni li ħadd ma għandu jħallas għax-xogħlijiet magħmula mill-appellata. Dak li dejjem sostna l-appellant hu li huwa mhux responsabbli fil-kapaċità tiegħu personali għal tali ħlas u li hija responsabbli l-kumpannija. L-appellant qatt ma kkontratta mal-appellata f'ismu proprju, iżda dejjem aġixxa għan-nom tal-kumpannija. Huwa l-konvenut *proprio et nomine* li qed isostni li kemm hu personalment kif ukoll il-kumpannija ma għandhomx iħallsu tax-xogħlijiet inkwistjoni.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha ssostni li l-fatturi inħarġu f'isem l-appellant u l-konvenut. Iżda kif minn dejjem ġie rilevat mill-appellant fil-fatt ismu fuq il-fatturi huwa hemm indikat biss bħala *contact person* u fl-ebda istanza ma huwa indikat bħala l-klijent. Di fatti – u kif *del resto* ammess mill-istess appellata – il-*VAT number* huwa appuntu dak tal-kumpannija.

»Kif ġie sottomess mill-istess appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-appellant kien awtorizzat jaġixxi għan-nom tal-kumpannija. Dan huwa wkoll ikkonfermat mhux biss mill-fatti li rriżultaw waqt il-ġbir tal-provi – li kollha jindikaw bl-aktar mod ċar u inekwivokabbli li l-konvenut kien ben konxju ta' dak li qed isir – iżda fuq kollox huwa kkonfermat mill-istess konvenut li fix-xiehda minnu mogħtija quddiem l-ewwel qorti ikkonferma li l-appellant kien inkarigat mill-proġett ta' ristrutturar tar-*restaurant* proprjetà tal-kumpannija. *Di più*, il-konvenut aċċetta l-eżistenza tad-debitu tal-kumpannija fil-konfront tal-appellata, u dana aktar u aktar meta qal lil Mario Attard li kien ser iħallas appena l-kumpannija tirċievi l-*VAT refund*. Din id-dikjarazzjoni ġiet anki kkonfermata mix-xhud Tonio Friggieri. Infatti l-fatturi ma setgħu qatt joħorġu f'isem l-appellant u l-konvenut, għaliex li kieku kien hemm ma kienu qatt jistgħu jitolbu rifużjoni tal-*VAT* għas-sempliċi raġuni li l-*VAT number* indikat huwa dak tal-kumpannija. *Di più* l-appellant ma għandux numru tal-*VAT*. L-istess l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha rrikonoxxiet il-fatt li l-appellant kien qed jaġixxi fuq inkarigu mogħti lilu mill-kumpannija.

»Mhux però korretta l-ewwel qorti meta tgħid li l-appellata saret taf bl-eżistenza tal-kumpannija fl-aħħar – għalkemm fl-istess nifs tgħid ukoll li saret taf b'dan meta x-xogħol ma kienx għadu tlesta iżda kien fi stadju avanzat. Jiġi rilevat li l-kawża odjerna tittratta dwar ir-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn l-appellata u l-konvenuti kollha u kwindi dak li huwa importanti huwa dak li kien jaf Mario Attard, id-direttur tal-appellata, u mhux Tonio Friggieri li kien sub-appaltatur awtonomu.

Tonio Friggieri ma għandu l-ebda kariga mal-appellata jew inkella xi rwol fiha.

»Ġie stabbilit li l-*VAT number* tal-kumpannija ġie mogħti sa mill-bidu nett lill-appelata. *Di più* jirriżulta wkoll li l-appellata rċeviet pagament fil-bidu nett bħala akkont u dana l-pagament sar fil-fatt mill-kumpannija minn kont bankarju intestat f'isimha. M'hemmx dubju li l-appellant fl-ebda mument ma kellu intenzjoni li jikkuntratta f'ismu personali u żgur li ma hemm xejn li jindika li huwa fil-fatt b'xi mod ikkuntratta f'ismu personali. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-appellata ilha f'dan ix-xogħol u mhux xi novizza. Kwindi kienet taf ben tajjeb meta ġie mogħti lilha l-*VAT number* li dan ma kienx tal-appellant. Ir-raġuni li ngħata l-*VAT number* kien proprju sabiex il-kumpannija tkun tista' tirkupra l-*VAT* imħallas lill-appellata, u l-appellata żgur kienet konxju ta' dan! Bir-rispett kollu lejn l-ewwel qorti dan ma ttiħidx inkonsiderazzjoni minnha.

»Il-konvenut għamel minn kollox sabiex jipprova jaħrab mill-obbligu ta' ħlas, u dana mhux biss fil-kapaċità tiegħu personali, iżda anki għan-nom tal-kumpannija. Fil-fatt fil-mori ta' dawn il-proċeduri deher biċ-ċar li l-konvenut ipprova jsib kull skuża sabiex ma jħallasx, għaliex filwaqt li kien iddikjara fix-xiehda tiegħu li kien lest li jħallas meta l-kumpannija jkollha l-fondi, però mbagħad beda jgħid li huwa ma kienx awtorizza ċertu xogħolijiet b'mod partikolari t-taraġ. Din tal-aħħar hija ovvjament skuża mill-akbar għaliex irriżulta mhux biss li huwa kien a konoxxenza iżda anki li kien preżenti waqt li qed isiru. Dan l-atteġġament jirriżulta aktar biċ-ċar mill-*affidavit* ippreżentat mill-istess konvenut wara li kien ġa xehed *viva voce*.

»Fl-*affidavit* tiegħu, il-konvenut ikkontradiċa lilu nnifsu diversi drabi. Per eżempju filwaqt li allegat li l-appellant ma kienx awtorizzat jaġixxi għan-nom tal-kumpannija, però fl-istess nifs jgħid li l-appellant kien inkarigat mir-*refurbishment*. Jgħid li ma kienx jaf x'inhu jiġri, però kien imur jittawwal kull filgħodu u mbagħad kien addirittura kuljum hemm. Jipprova jagħti l-impressjoni li mhux biss kollox kien mistur lilu, iżda addirittura li lanqas kien jaf li saret stima mill-appellata, iżda fix-xiehda tiegħu *viva voce* ammetta li l-appellant kien urieh il-*quotation*.

»Li l-appellant ma kkontrattax f'ismu jirriżulta wkoll mill-fatt li l-istess appellata fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha tirrikonoxxi li l-kumpannija *Geomike Limited* kienet tiffigura sa mill-bidu nett. *Inoltre* wieħed ma jistax wkoll ma jagħmilx referenza f'dan l-istadju għax-xiehda ta' Carmel Spiteri li kien inkarigat bħala *designer*. Huwa kkonferma li kien ġiet inkarigat mill-kumpannija. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-konvenut kien jaf x'kien għaddej. Huwa interessanti li minkejja li l-konvenut ipprova jiskredita lil dan ix-xhud billi jimplika li taraġ ma sarx skont il-pjanti u li addirittura sar ad insaputa tiegħu, però rriżulta li mhux biss l-konvenut kien infurmat u konsapevoli ta' dak li qed isir, iżda kien ukoll preżenti waqt ix-xogħlijiet. Dan huwa lampanti mir-ritratti li ġew proprju esebiti waqt ix-xiehda ta' Carmel Spiteri fis-seduta tat-12 ta' Frar 2013.

»Għalkemm huwa veru li l-appellata ma għandhiex tiddaħħal fil-kwistjoni ta' bejn l-aħwa Cauchi, xorta waħda fil-fehma tal-appellant tali kwisjtoni hija ta' ċerta rilevanza għall-vertenza odjerna; dana għaliex tiżvela x'inhi l-vera raġuni għalfejn il-konvenut *proprio et nomine* ħa l-posizzjoni li jipprova jaħrab mir-responsabilità tal-ħlas mhux kwantu fil-kapaċità tiegħu personali iżda bħala rappreżentant

tal-kumpannija. Wieħed ma jridx jinsa f'dan il-kuntest li fl-aħħar mill-aħħar il-vera benefiċjarja tax-xogħlijiet esegwiti mill-appellata hija fil-fatt l-kumpannija.

»L-appellant jerġa' jirribadixxi li huwa qatt ma ċaħad li saru x-xogħlijiet mertu tal-proċeduri odjerni daparti tal-appellata. Lanqas qatt ma kkontesta li din għandha titħallas ta' xogħolha. Dak li dejjem sostna l-appellant huwa sempliċement li hija l-kumpannija li hija responsabbli għall-pagament.

»Però jrid jingħad li, kontrarjament għal dak li sostniet l-ewwel qorti, huwa assolutament mhux minnu li l-konvenuti fil-kapaċità tagħhom personali huma responsabbli solidalment għal ħlas tal-ammont mitlub mill-appellata. Anzi l-appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha sostniet li l-kumpannija hija wkoll responsabbli għall-ħlas. Fil-fehma ta' l-appellant huwa ċar mill-fatti li m'hemmx dubju li sa mill-bidu nett kienet il-kumpannija li kkumissjonat ix-xogħol lill-appellata, kif ukoll huwa assodat illi l-appellant dejjem aġixxa għan-nom tal-istess kumpannija. Kif diġà sottomess l-istess appellata rrikonoxxiet li l-kumpannija kienet involuta sa mill-bidu nett.

»Għalhekk, l-appellant jissottometti li filwaqt li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tiegħu – u anki fil-konfront tal-konvenut George Cauchi – iżda fl-istess waqt jissottometti li dawn għandhom però jiġu milqugħa fil-konfront tal-kumpannija.«

9. L-appell sar minn John Cauchi f'ismu: l-interess tal-appellant huwa li tit-ħassar is-sentenza safejn tolqot lilu, u mhux safejn tolqot lill-konvenuti l-oħra[1]. Għalhekk din il-qorti ma hijiex sejra tqis dak li jingħad fl-aħħar paragrafu miġjub hawn fuq tar-rikors tal-appell fejn l-appellant jitlob illi t-talbiet tal-attriċi jiġu miċħuda safejn jolqtu lill-konvenut l-ieħor George Cauchi u jintlaqgħu safejn jolqtu lis-soċjetà msejħa fil-kawża. Dan qiegħed jingħad biss għall-kompletezza, għax fil-fatt l-appell huwa fieragħ għall-aħħar.

10. L-ewwel qorti għamlet espożizzjoni korretta tal-liġi meta osservat illi:

»Hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. … … … Huwa prinċipju daqstant ieħor aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk

[1] Fil-fatt il-konvenut George Gauci, li kien kundannat *in solidum* mal-appellant, fit-tweġiba tiegħu għall-appell għall-appell qal illi s-sentenza appellata "hija waħda ġusta u li timmeria konferma!

> f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din, u jrid juri wkoll li f'dak il-waqt il-parti l-oħra kienet mgħarrfa li dik il-persuna kienet tassew qiegħda tinnegozja magħha f'isem ħaddieħor.«

11. Huwa għalkollox irrelevanti dak li jgħid l-appellant illi "fl-ebda mument ma kellu intenzjoni li jikkuntratta f'ismu personali u żgur li ma hemm xejn li jindika li huwa fil-fatt b'xi mod ikkuntratta f'ismu personali". L-intenzjoni sakemm ma hijiex esterjorizzata b'mod li l-parti l-oħra tista' tifhem x'inhi u turi li taqbel ma tibdel xejn. Li kellu juri l-appellant ma huwiex illi "ma hemm xejn li jindika li huwa fil-fatt b'xi mod ikkuntratta f'ismu personali" għax il-presunzjoni ġà hi illi deher f'ismu; li kellu juri hu li hemm x'juri b'mod konklużiv li kien qiegħed jikkuntratta f'isem ħaddieħor. Li tagħti lill-parti l-oħra numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud bla ma tgħid f'isem min hija r-reġistrazzjoni ma jfissier xejn, għax il-parti l-oħra, li tifhem li qiegħda tikkuntratta ma' min qiegħed quddiemha għax ma hemm xejn li juri l-kuntrarju, raġonevolment tifhem illi r-reġistrazzjoni hija ta' min qiegħed jagħtiha dak in-numru, u ma hijiex mistennija tindaga ta' min hi.

12. Ukoll, dak li jiswa hu l-waqt li jintlaħaq il-ftehim: dak li jsir magħruf wara ma jibdilx l-identità tal-partijiet. Billi s-soċjetà attriċi "saret taf b'dan [*viz.* bl-eżistenza tas-soċjetà msejħa fil-kawża] meta x-xogħol ma kienx għadu tlesta" ma jibdilx il-fatt illi l-ftehim meta sar kien mal-konvenut *proprio*. L-istess jingħad dwar il-ħlas akkont: dan sar wara li l-ftehim kien ġà sar, għalkemm sar minn flus tal-kumpannija, sar permezz ta' *bank draft* li fuqu ma deherx isem il-kumpannija, u f'kull każ ħlas jista' jsir minn terzi bla ma hekk tinbidel il-persuna tad-debitur.

13. B'ebda mod ma ntwera illi, fil-waqt tal-ftehim, l-attriċi kienet mgħarrfa, jew b'xi mod ingħatat x'tifhem, illi l-ftehim kien mal-kumpannija msejħa fil-kawża u mhux mal-konvenut *proprio*. Ikompli jsaħħaħ din il-konklużjoni – għalkemm dak li ngħad fuq hu biżżejjed – il-fatt illi fl-istejjem preventivi li nħarġu mill-attriċi f'Settembru u f'Ottubru tas-sena 2009 hemm l-isem ta' "John Cauchi" bħala "*client*", u n-numru taċ-ċellulari u l-indirizz elettroniku huma wkoll dawk personali tal-appellant. L-appellant iffirma l-istejjem u fuqhom ma indika bl-ebda mod li kien qiegħed jidher f'ism l-kumpannija *Geomike Limited*.

14. Naturalment, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, dan kollu jolqot ir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut, u mhux ir-relazzjoni nterna tal-konvenuti u tal-kumpannija msejħa fil-kawża.

15. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

16. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż mill-ewwel qorti; dawk tal-appell iħallashom l-appellant John Cauchi. Ukoll, billi hija tal-fehma li l-appell huwa wieħed fieragħ, il-qorti wara li rat l-art. 233(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-appellant iħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da